**Int ħu San Franġisk**

Kienet grazzja wisq mill-kbir Alla
Li laqqegħtni miegħek wisq twajjeb ħabib,
Fis-skiet u fl-umiltà kbira li kellek
Kemm għallimtni li għandi nġorr is-salib.

Id-daħka tiegħek li biha kont tferraħ
Lilna lkoll li konna nduru madwarek,
Tfakkarni fl-istess daħka ta' Franġisku
Għax int b'qalb kbira kemm ħabbejt lil għajrek.

Nibqa' ngħożżok ħija  l-għażiż, għallimtni
Li l-Mulej nibqa' nfittxu l-aktar fl-inkwiet,
B'ħajtek ippridkajtli nitgħannaq miegħu
Għax bih miegħi nara s-Saltna tas-Smewwiet.

Tiftakar meta darba konna lagħbna
Bil-play station il-famuża partita,
Kemm kont skurjajtli goals sbieħ, bl-akbar ħeffa
Ix-xibka tiegħi kif spiċċat b'tiċrita.

L-istess bħalma nħoss lil qalbi bħalissa
In-nuqqas tiegħek tabilħaqq jien inħoss,
Għażiż ħija, fis-sempliċità tiegħek
Għallimtni nħobb bil-qalb u fis-skiet, bla ħoss.

Avolja kellek bħal kull bniedem ieħor
Min ma jweġibx għal imħabbtek u jwarrbek,
Int ta' veru Nisrani ħabbejt lura
Ħallejt issaltan fik mħabbet min ħalqek.

Sewwa sew għaddejt għall-ħajja ta' dejjem
Meta Franġisku rċieva l-pjagi mqaddsa,
U miegħu ridt tgħaddilna messaġġ qawwi
"Żommu dejjem ruħkom nadifa tazza".

Fis-sema qed nistħajjel jiġi jilqgħek
Lil dak li għalih inti ġejt imsemmi,
Min jaf x'tgħanniqa tak kif kien jaf jagħti
Il-Fqajjar t'Assisi, kif kien mistenni.

U issa li qiegħed ħdejh qed nitolbok
Itlob għal missierek, ommok u oħtok,
Żid lilna wkoll fit-talb li ġej minn qalbek
Aħna li qalbna lilek bil-wisq tgħożżok.

Imħabbtek lejn Ġesù w Ommok Marija
Nisslu fik imħabba, li hi l-ilma frisk,

Ħabbejt lill-ħajja għax ħabbejt lil Kristu
Francesco, f'dan kollu int ħu San Franġisk.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.